# Beati u Qaddisin ...Frar

9 ta' Frar

Beata Anna Katharina Emmerick ,mistika, religjuza

Twieldet fit-8 ta' Settembru 1774 gewwa Flamske bei Coestfeld fil- Germanja. Il-genituri taghha Bernardo Emmerick u Anna Hillers kienu kampanjoli, izda kattolici tajba.

Meta kienet zghira kienet tiehu hsieb in-nghag u kien f'dan iz-zmien li gharfet il-vokazzjoni taghha li tidhol religjuza. Imma missierha opponhiela. Matul iz-zoghzija taghha Alla zejjinha bid-doni tal-vizjoni u l-estasi.  Kull komunita' li lilha talbitha biex tidhol maghhom, giet rifjutata. Pero' fis-sena 1802 meta kellha 28 snin bis-sahha tal-habiba taghha Clara gabet il-permess li tidhol fil-monasteru ta' l-Agostinjani.  Il-hajja fil-monasterju kienet iebsa ghaliha u din it-tbatija kompliet kibret ghaliex maghha zdiedu s-sofferenzi kawzati minn incident li ghaddiet minnu fis-sena 1805. Minhabba f'hekk kienet



kostretta li tghaddi il-hin taghha fic-cella, mis-sena 1806 sas-sena 1812. Meta kienet ghadha zghira kien jirnexxilha tahbi id-doni li bihom zejjinha Alla, izda issa li qieghda fil-monasterju kien ikollha issofri hafna insinwazzjonijiet minn hutha s-sorijiet minhabba dawn il-hwejjeg straordinarji. Fis-sena 1811 il-kunvent gie sopress mill-ligijiet ta' Napuljun Bonaparte u s-sorijiet tferrxu. Anna Caterina Emmerick sabet ruhha fis-servizz ta' wiehed sacerdot, don Giovanni Martino Lambert. Baqghet iggarab dawn il-fenomini mistici anke fid-dar ta' dan is-sacerdot u ghal ahhar granet tas-sena 1812 irceviet l-pjagi. Ghal xahrejn shah irnexxilha izomm kollox mistur . Fit-28 ta' Frar 1813 kellha toqghod fis-sodda u minna ma tinzilx aktar .

Kien ghaliha strument ta' tbatija, izda sofrietu bhal tpattija ghal midimbin. Ghaqqdet din-sofferenza taghha ma' dik ta' Kirstu fil-passjoni li garrab ghall-fidwa ta' bniedem. Ezaminaw il-kaz taghha u sabu li kull ma kienet ghaddejja minnu kienu veru u genwin. Jinghad li kellha vizzjonijiet fuq il-hajja ta' Gesu' u Marija u fuq kollox it-tbatija tieghu. Irnexxilha taghraf id-dar tal-Madonna gewwa Efesu u l-kastell ta' Macheronte fejn Gwanni l-Battista sofra il-martirju ta' qtugh ir-ras. Fid-9 ta' Frar 1842 hija mietet u kienet saret wahda mis-servi t'Alla l-aktar maghrufa fl-Ewropa.